KUNSILL TAL-ISTUDENTI

***Studenti tal-Ewwel Sena***

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| Voti validi—120 vot | | | Invalidi—Xejn | | |
| Klassi 1.1 | | | Klassi 1.5 | | |
| Camilleri Mauro | 15 | Elett | Bugeja Norbert | 14 | Elett |
| Klassi 1.2 | | | Klassi 1.6 | | |
| Chetcuti Julian | 11 | Elett * | Caruana Raymond | 21 | Elett |

***Studenti tat-Tieni Sena***

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| Voti Validi | 51 Vot | | Invalidi Xejn | | |
| Klassi 2.2 | | | | | |
| Briffa Terence | 21 | Elett | Dalli Steven | 16 | Elett |

***Studenti tat-Tielet Sena***

| | | | |
|---|---|---|---|
| Klassi 3.2 | | | |
| Cassar Nevin | Elett | Busuttil Axil | Elett |

Il-ħatriet tal-membri huma kif ġejjin:

| | | |
|---|---|---|
| President: | Raymond Caruana | (1.6) |
| Viċi President: | Norbert Bugeja | (1.5) |
| Segretarju: | Julian Chetcuti | (1.2) |
| Teżorier: | Mauro Camilleri | (1.1) |
| P.R.O.: | Axil Busuttil | (3.2) |
| Membri: | Steven Dalli | (2.2) |
| | Terence Briffa | (2.2) |
| | Nevin Cassar | (3.2) |

Nawguraw lill-membri tal-Kunsill, ħidma fejjieda għall-ġid ta' sħabhom l-istudenti u għall-ġid tal-iskola inġenerali.

KULLEĠĠ SAN BENEDITTU

# Kuntatt

## ma' l-iskola t'ibnek—DIĊEMBRU, 2005

Messaġġ mill-Kap tal-Kulleġġ - Is-Sur J. Micallef

http://schoolnet.gov.mt/kulleġġsanbenedittubco

Iva, sewwa qed tifhmu—dan hu l-indirizz tal-websajt tal-iskola. Għalkemm għadhom għaddew biss ftit ġimgħat minn mindu fetħet l-iskola, bi pjaċir ngħidu li diġa' għandha l-websajt tagħha.

Dan qed nagħmluh mhux għax iż-żminijiet tal-lum hekk jitolbu, iżda għaliex nemmnu li websajt hi mezz tajjeb sabiex intom il-ġenitu tkunu tistgħu ssegwu mill-qrib il-ħidma tal-iskola. Bħalma tistgħu tapprezzaw, il-websajt għadha fil-bidu tagħha izda grazzi għax-xogħ siewi tal-għalliema A.Galea, R. Mamo u D. Parnis din għandha tku ta' livell li jixraq lill-iskola– għalliema, studenti u ġenituri—fi żmie qasir.

Il-kartolina bix-xewqat tal-Milied flok fil-kaxxa tal-ittri ssibuha fuq i websajt !

Tel: 21642427/21642430/21642451
Fax: 21642423
Email: sanbenedittu.bco@gov.mt

## *Programm ta' Attivitajiet għall-ġimgħa tal-Milied*

**It-Tnejn 19 ta' Diċembru**

'inxtegħel l-aħħar xemgħa fil-girlanda tal-avvent u jingħata bidu għall-ġimgħa ta' ttivitajiet.

-ewwel attivita' tkun funzjoni reliġjużi , Ġesu' fl-2005, permezz ta' slide show bil-ompjuter. Dan kien ippreparat mill-għalliem tal-mużika , s-Sur K. Scicluna bl-ħajnuna ta' numru ta' għalliema.

)akinhar ukoll, gruppi ta' studenti ser jagħmlu żjarat filantropiċi biex iwasslu xi ħotjiet, jagħmlu xi xogħol u jferrħu bit-talenti tagħhom .

**t-Tlieta 20 ta' Diċembru u l-Erbgħa 21 ta' Diċembru**

Matul dawn il-jumejn jittellgħu żewġ kunċerti, wieħed mill-għalliema u mill-studenti.

**l-Ħamis 22 ta' Diċembru**

ssir il-quddiesa tal-Milied u wara festin u xi sorpriżi

## *Jannar 2006 - L-ewwel appuntament*

Kif diġa' nfurmajniekom permezz tal-ittra bid-data tat-23 ta' Novembru, Jum il-Ġenituri ser jinżamm nhar it-Tlieta 17 ta' Jannar 2006. Inħeġġukom iżżommu din il-ġurnata ħielsa minn appuntamenti oħra.

## *X'jaħsbu l-ġenituri dwar l-iskola ?*

Bħalma jafu ħafna minnkom, mal-ħarġa tal-kuntatt ta' Novembru qassamn kwestjonarju

biex igħinuna nsiru nafu x'taħsbu intom il-ġenituri dwar l-iskola.

Bi pjaċir ngħidu li għal dan il-kwestjonarju rrispondew kważi 75% tal-familj Dawn huma l-perċentwali ta' dawk li qalu tajjeb ħafna.

| Mistoqsija | % |
|---|---|
| B'mod [enerali kemm intom kuntenti bl-iskola tat-tifel? | 87% |
| Kemm intom kuntenti bil-livell tat-tag]lim? | 72% |
| Kemm intom kuntenti bil-livell ta' ordni u dixxiplina? | 84.1% |
| Kemm intom kuntenti bil-mod kif inhuma mi\muma l-ambjent u l-indafa tal-iskola? | 83.4% |
| Kemm intom kuntenti bis-servizz tat-transport? | 33.2% |
| Kemm intom kuntenti bis-servizz tal-'guidance & counselling'? | 79% |
| Kemm intom kuntenti bil-mod kif in\ommu kuntatt mag]kom? | 75% |
| Kemm intom kuntenti bis-sistema ta' [bir ta' flus g]al xi ]ti[ijiet li jkollhom b\onn l-istudenti? | 87% |
| Kemm intom kuntenti bil-'healthy eating policy' implimentata mit-'tuck shop'? | 87.6% |

Filwaqt li nirringrazzjawkom tal-livell għoli ta' fiduċja li għandkom fl-iskola ta' wliedkom, nwegħedukom li ser inkunu qed nagħmlu sforz akbar sabiex inkomplu ntejbu l-kwalita' tas-servizz.